# Il-Knisja ta' Bir Miftuħ Seklu 15

John Sarè »



## Id-daħla

Mill-kappelli u knejjes li nbnew mill-Maltin fis-seklu 15 u fil-bidu nett tas-seklu 16, ftit li xejn baqa' minnhom. Huma kollha kienu forma waħda - kubikali - bis-saqaf fit-tond jew jitla' bil-ponta biex tinkiser għal ftit il-monotonija. Il-faċċata kienet sempliċi ħafna, bil-bieb arkat bil-ponta. Iżda ġara li maż-żmien dawn il-bibien ġew mibdula f'bibien kwadri. Dan ħassar għalkollox l-arkitettura tal-ħnejja, għax iċ-ċavi, dik il-ġebla tan-nofs li żżomm il-ħnejja, ġiet eliminata għalkollox.

Il-knejjes kollha kellhom l-imwiebeż, tnejn quddiem mal-faċċata u tnejn oħra fil-ġnub tal-knisja. Dawn l-imwieżeb irnexxielhom joħolqu effett sabiħ meta fix-xemx, id-dell tagħhom kien jintefa' mal-ħitan.



*Il-knisja ta' Bir Miftuħ*

## Il-Leġġendi

Bir Miftuħ hi lokalità qadima ħafna u għaldaqstant ma jistax jonqos li mhix mimlija leġġendi mill-passat. Bir Miftuħ ħoloq miti, stejjer u leġġendi li ħafna minnhom sabu posthom fit-tradizzjoni bla ma jistħoqqilhom.

In-nofsinhar ta' Malta kellu qima kbira u reverenzjali lejn din il-knisja. L-immaġinazzjoni fertili ta' dawn in-nies twajba ġriet bihom u saħansitra nsibu li deffsu lill-istess San Pawl. Waħda mil-leġġendi msawra fuq San Pawl tgħid li kien minn hemm li pprietka s-salvazzjoni lill-Maltin. Leġġenda oħra tgħid li l-ewwel quddiesa li San Pawl iċċelebra f'Malta kienet mill-Knisja ta' Bir Miftuħ. Jgħidu wkoll li hawn ġie amministrat l-ewwel sagrament tal-magħmudija. Biex dan it-twemmin ma jmutx, missirijietna bnew knisja.

Kważi elf sena wara ġie l-Konti Ruġġieru hawn Malta. Wara li keċċa l-Għarab minn hawn, beda jaħdem biex it-twemmin nisrani li l-Maltin kienu tilfu, jerġgħu jiksbuh. Din hi ħrafa li ġiet minfuħa bla ebda proporzjon. Imma n-nies ta' Bir Miftuħ semgħu b'dan l-għidut u pperswadewh li jkun hu li jpoġġi l-ewwel ġebla tal-bini tal-Knisja ta' Bir Miftuħ. Ma waqfux hawn, imma emmnu u xerrdu li l-Konti Ruġġieru kien li għamel din il-Knisja parroċċa.

Milli jidher dawn iż-żewġ leġġendi ma kinux biżżejjed għall-abitanti ta' Bir Miftuħ. Hemm leġġenda oħra aktar gwappa. Fil-qedem ħafna eremiti kienu jgħaddu minn Malta u ġejjin mill-Afrika ta' Fuq jew sejrin 'l hemm. Ħafna drabi xi eremiti kienu jiddeċiedu li jibqgħu hawn, isibu għar ħdejn nixxiegħa u jgħixu fih.

Wieħed mill-eremiti għażel għar li kien viċin ħafna fejn illum hemm din il-knisja. Fi żmien l-eremita, madwar l-għar ma kien hemm xejn ħlief għelieqi kkultivati u fertili ħafna. L-eremita induna li ma setax jgħix jekk ma jiġix mgħejjun bl-ikel. Hawn ġietu l-idea li jibda jesperimenta bil-fjuri li kien hemm madwaru bl-abbundanza. Irnexxielu joħloq fwieħa li mliet il-madwar kollu. M'għaddiex żmien wisq li l-eremita ma sabx ruħu mdawwar b'ħafna nies li bdew jixtru din il-fwieħa. Minn hawn 'il quddiem l-ikel ma naqas qatt. Sakemm miet qatt ma raqad bil-ġuħ. Meta ra hekk beda jżid fil-produzzjoni tal-fwieħa. In-nies bdew ġejjin minn kullimkien. In-nies taw isem lil din il-lokalità - Bir Ilma Tfuħ. Maż-żmien sar Bir Ma Tfuħ. Illum wasal għandna bħala Bir Miftuħ.

## Il-Fatti

Fit-13 ta' Frar laħaq Isqof ta' Malta Senator de

Mello de Noto. Ftit wara beda jżur il-knejjes. Fl-1436 ippubblika lista tal-parroċċi f'Malta, u nsibu l-Knisja ta' Bir Miftuħ imniżżla bħala parroċċa. Imma ma nistgħux noqogħdu fuq din id-data għax il-knisja tmur wisq aktar lura fiż-żmien.

L-eżistenza ta' bjar Medjevali u anke xi wħud minnhom Rumani, turi li l-lokalità ta' Bir Miftuħ kienet abitata mill-anqas elf sena ilu. Il-fatt li Bir Miftuħ kien parroċċa wisq qabel l-1436 hi prova li l-post kien meqjus bħala sagru. Barraminnhekk il-knisja hi fin-nofs ta' art vasta. Minħabba l-bjar Rumani tfaċċat il-leġġenda ta' San Pawl.

Fl-1090 il-Konti Ruġġieru rifes fuq l-art Maltija. Minħabba li dak iż-żmien Malta kienet Musulmana, ir-reliġjon Biżantina ħadet daqqa ta' ħarta. L-Għarab qatt ma ħallew reliġjonijiet oħra jikkompetu ma' tagħhom. Hawn tfaċċat il-leġġenda ta' San Pawl li kienet mgħejjuna anki mill-istess qassisin ta' dak iż-żmien.

Il-Knisja ta' Bir Miftuħ tmur lura fiż-żmien sal-perjodu tal-1100, żmien in-Normanni. Għalhekk kienet ħaġa naturali li jiddaħħal fin-nofs il-Konti Ruġġieru.

Fis-sekli 5 u 6 WK, il-Barbari ħolqu terrur fl-Afrika ta' Fuq, fejn ħafna eremiti kienu jgħaddu ħajja ta' qalb u meditazzjoni. Biex ma jisfawx immassakrati, ħarbu minn hemm. Numru minn dawn l-eremiti bilfors kellhom jgħaddu minn Malta. Xi wħud minnhom baqgħu hawn Malta. Huma sabu għerien kemm riedu u fejn riedu. Barraminnhekk Malta tal-qedem kellha lokalitajiet li jixbhu ħafna l-ambjent tad-deżert. Wieħed minn dawn l-eremiti sab il-post ideali f'Bir Miftuħ. Viċin ħafna tal-knisja kien hemm l-għerien u nixxiegħa ta' ilma ġieri kienet tgħaddi minn ħdejn dawn l-għerien.

Il-leġġenda tal-fwieħa tal-eremit, trid tittieħed fil-kuntest ta' għelieqi mimlijin fjuri ta' kull kwalità bi fwejjaħ differenti. L-eremit hu bniedem tad-deżert, jaf kif għandu jgħaddi u jgħix f'ċirkostanzi simili. Veru wkoll li l-Medjuevu kien żmien ta' tħarbit, l-aktar bl-inżul tat-Torok fuq artna.

Imma jibqa' l-fatt li Bir Miftuħ kellu pjanura vasta ta' fjuri ta' kull speċi. Bilfors li l-arja kienet tfuħ.

## Il-Knisja

Il-fatt li l-Knisja ta' Bir Miftuħ kienet daqshekk maqtugħa mill-villaġġi tal-madwar, xorta waħda kienet maħbuba min-nies. Tant hu hekk, li sa mill-bidu nett tas-seklu 15, kienet meqjusa bħala Parroċċa, anki jekk ma kinitx.



Il-knisja minn ġewwa

Din il-Knisja nbniet fiż-żmien meta l-Maltin tilfu għalkollox is-sens tas-sengħa tal-bini għalhekk anki l-arkitettura ntilfet għalkollox. F'dan il-kuntest u f'dan iż-żmien inbniet il-Knisja ta' Bir Miftuħ. Fil-Ktieb 5000 years of Architecture in Malta, Leonard Mahoney jgħid hekk: "The Church of St. Maria of Bir Miftuħ illustrates the growing confidence in the handling of stone structures." Għalhekk meta nbniet din il-knisja wieħed jara d-determinazzjoni tal-bennejja Maltin ta' dak iż-żmien, li b'kuraġġ kbir bnew din il-knisja. Ma rridux ninsew li l-fażi Għarbija f'Malta kienet ta' dannu kbir. Fil-Knisja ta' Bir Miftuħ naraw it-twelid mill-ġdid tal-arkitettura Maltija.

Hemm evidenza li xi darba din il-knisja ma kinitx waħidha. Kellha magħha knejjes oħra li kienu dik tal-Assunzjoni; dik tat-twelid tal-Madonna; dik ta' San Bastjan; dik ta' San Ġorġ, dik ta' Santa Katerina. Minn dawn il-knejjes ma baqa xejn. Il-Knisja kif inhi llum, ċkienet fl-1512. Meta fl-1530 ġew il-Kavallieri, l-Ordni kien waqqaf għassa biex jiġi mħares Bir Miftuħ, u kien hemm ukoll Kaptan tad-difiża.



L-Altar Maġġur

Din il-knisja ilha wieqfa aktar minn 600 sena. Rat il-wasla tal-Kavallieri, kienet dekonsagrata mit-Torok tal-1565, u ntlaqtet mill-bombi tat-Tieni Gwerra Dinjija fl-1942. Hi eżempju ħaj ta' arkitettura Medjevali. Il-pjanta hija sempliċi ħafna. L-arkati jitilgħu għall-ponta 'l fuq lejn is-saqaf. Il-kampnar, fuq bieb prinċipali, ġie mibni fis-seklu 16. Fil-knisja hemm kwadru tal-Madonna ma' San Pietru u San Pawl. Il-pittura hi fuq l-injam u tpinġiet fis-seklu 16.

Il-Knisja kienet wisq akbar milli hi llum. Meta nbniet kienet it-tieni waħda fil-kobor tagħha wara dik tal-Katidral. Kienet mibnija fil-forma ta' salib. Biżżejjed ngħidu li kellha 6 bibien, illum għandha tnejn biss. Fis-seklu 16 wara l-knisja ġie mwaqqa'. Il-ġebel ittieħed il-Gudja biex tinbena parti mill-knisja l-ġdida. Fl-1655 in-nies tal-Gudja wrew ix-xewqa li l-knisja terġa' tinbena mill-ġdid. Kulma kien hemm fil-knisja ta' Bir Miftuħ ittieħed lejn il-knisja l-ġdida.



It-Titular ta' Santa Marija

Għal ħafna żmien, il-Knisja ta' Bir Miftuħ tħalliet għal riħha. Kien hemm żmien meta kienet ser taqa' għalkollox. Fl-1970, id-Djoċesi tat din il-knisja lil Din l-Art Ħelwa. Ir-restawr tal-knisja beda xi tliet snin wara. Waqt ix-xogħol tfaċċaw affreski tas-seklu 16. Hi ħasra li ftit wisq baqa' minn dawn l-affreski. Milli baqa' jidher li dawn l-affreski kienu jittrattaw il-Ġudizzju Universali. Fuq il-lemin l-affresk juri l-ħżiena meħuda lejn l-infern minn xjaten bil-qrun u saqajhom bħal tal-papri. Fuq in-naħa l-oħra hemm it-tajbin meħudin mill-anġli lejn il-Ġenna fejn hemm Ġesù ma' Ommu Marija.

Mons. Pietru Dussina kien żar il-Knisja ta' Bir Miftuħ. Hu ħallielna x'sab u jgħid li l-knisja ma kien jonqosha xejn biex fiha jiġu amministrati s-sagrament u jsir is-sagrifiċċju tal-quddiesa. Sab żewġ altari li kienu ddedikati lill-Assunzjoni u għalhekk ġiegħel li jitneħħew. Sab it-tabernaklu f'armarju. Ordna li jinħadem tabernaklu tal-injam indurat. Sab li l-mejtin kienu jindifnu f'ħofra fl-art f'nofs il-knisja. Hu ordna li kellhom jinbnew oqbra regolari.



Wieħed mill-Affreski

Minn hawn kien insteraq il-pissidi bl-Ostji kkonsagrati. Min kien qatt ma nqabad. Il-knisja mill-ewwel ħarġet l-iskomunika fuq il-ħalliel. Hawn issa tibda storja stramba ħafna. Il-Maltin kienu mmexxija minn tliet gvernijiet: l-Isqof, l-Inkwiżitur u l-Gran Mastru. Dawn it-tlieta kienu qegħdin ifittxu lill-ħalliel tal-pissidi. Wara ħafna żmien il-pissidi nstab fil-konfessjonarju tal-Knisja ta' San Ġakbu. Il-Belt Valletta kienet mgħassa lejl u nhar, għassa stretta. Ħadd ma kien jidħol jew joħroġ jekk ma jiġix imfittex. Allura dan il-bniedem kif daħal il-Belt mingħajr ħadd ma qabdu? Kien xi kavallier? Kienet persuna magħrufa ħafna u allura kienet fdata? Kif tpoġġi l-pissidi fi knisja li kienet il-mimmi tal-Kavallieri ta' Kastilja? Dak li ġara kien sagrileġġ imma kif instab u fejn instab il-kalċi, jħallik bil-kurżità ta' kif seta' ġara.

Barra minn Din l-Art Ħelwa, il-knisja ta' Bir Miftuħ kien sarilha restawr fl-1830 mill-Baronessa Bettina Muscat Cassia D'Auriel. Biex ifakkar dan ir-restawr, kien hemm plakka ma' wieħed mill-ħitan li llum qed jagħlaq wieħed mill-bibien. Din insterqet xi snin ilu. Wara l-gwerra, waqt xi xogħlijiet li kienu qed isiru mill-ħaddiema tax-xogħlijiet pubbliċi, instab altar fuq kolonni; bokkli tad-deheb; kuruni tar-rużarju u domni ta' xi qaddisin.

It-tradizzjoni tgħid li l-qniepen tal-Knisja ta' Bir Miftuħ huma midfuna fl-art. Dan ġara biex it-Torok, waqt li kienu qed jassedjaw lil Malta, ma jisirquhomx. Sal-lum għadhom ma nstabux. Tradizzjoni jew leġġenda oħra!!

**Riferenzi**

5000 Years of Architecturein Malta, Leonard Mahoney, 1996
A Maltese Mosaic, Kilin, 1990
Il-Wirt li Salvajna, Stanley Farrugia Randon, Din l-Art Ħelwa, 2002
Heritage, Anthony Lutrell
High Flyer, Malta International Airport Magazine, November 1996 and July 1997
Vigilo, Din l-Art Ħelwa, February 1995 and October 2003